MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 785/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**JOHN SCHIRO'**
**JOSEPH CALLUS**
**RAYMOND ATTARD**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

John Sciro' ta' 61 sena, bin Dimitri u Mary nee' Cuschieri, mwieled Sliema fit- 3 ta' Dicembru 1950, residenti Ir-Razzett Mirjieh, Triq is- Sirna, Rabat, Malta u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 951850M;

U

Joseph Callus ta’ 51 sena, bin Joseph u Carmela nee’ Azzopardi, mwieled Siggiewi fit- 23 ta’ April 1960, residenti f’ 41 Casa Callus, Triq il- Qiegha, Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- nurmu 319060M;

U

Raymond Attard ta’ 58 sena, bin Joseph Saviour u Bice nee’ Casapinta, mwieled Floriana fit- 13 ta’ Ottubru 1952, residenti f’ Hanini, Triq Enrico Naudi, Iklin u detentur tal- Karta tal- IDentita’ bin- numru 778952M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, fit- 22 ta’ Marzu 2011 u/ jew fil-jiem u x- xhur precedenti, f’ isimhom u bhala rapprezentanti tas- socjeta’ Agricultural Co- Operative Ltd. B’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) introducew fis- suq prodotti ghall- harsien tal-pjanti minghajr ma dawn kien awtorizzati mid- Direttur ghall- Affarjiet Regolatorji fi hdan l- Awtorita’ Maltija dwar l- iStandards skont ir- Regolamenti Dwar Prodotti ghall-Harsien ghall- Pjanti;

2) kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok, u cirkostanzi, xjentement, ghamel uzu ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija jew bieghu merkanzija b’ din il- marka, sinjal jew emblema;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-

Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- 18, 3 (1) SL 430.01, Artikolu 9 tal- Kapitolu 430 u l- Artikolu 298 (1) (c) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tikkundannahom multa ta' mija w hamsin ewro (€150) kul wiehed.
Tordna l- konfiska tal- ezebiti kif ukoll tordna r- rilaxx tal- oggetti propjeta' tal- imputati.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------